



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Brussell, it-28 ta' Settembru 2017

Diskors minn Klaus-Heiner Lehne, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2016 tal-QEA
Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew (CONT)

Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku. Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu
preċedenza.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

Youtube: [EUAuditors](https://www.youtube.com/EUAuditors)

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

eca.europa.eu

Sinjura President,
Viċi President Oettinger,
Onorevoli Membri tal-Parlament Ewropew,

Din is-sena, aħna tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri niċċelebraw l-40 anniversarju tagħna. Matul dawn l-aħħar erba' deċennji, iċ-ċirkustanzi politiċi, finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea nbidlu b'mod drammatiku. U l-isfidi l-aktar reċenti jidhru li huma akbar minn qatt qabel: il-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-flussi ta' migrazzjoni mingħajr preċedent, it-tibdil fil-klima u t-terroriżmu. Xi wħud saħansitra jqisu l-UE bħala żiemel ta' Troja tal-globalizzazzjoni minflok bħala rotta ta' suċċess għall-iżgurar tal-paċi u l-prosperità.

Dawn il-preokkupazzjonijiet kollha ttestjaw il-fiduċja taċ-ċittadini tagħna fl-istituzzjonijiet Ewropej u dawk nazzjonali, u aħna li naħdmu f'dawn l-istituzzjonijiet irridu nirreaġixxu u tabilħaqq niksbu riżultati, kull wieħed u waħda fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħna. F'dan ir-rigward, bi pjaċir ngħid li għandi aħbar tajba x'naġhtikom.

Aħna sibna li l-kontijiet tal-UE għall-2016 jippreżentaw stampa vera u ġusta. Aħna "ċċertifikajniehom", bħalma kien il-każ kull sena mill-2007 'l hawn. Id-dħul fl-2016 kien ħieles minn żball materjali. Iżda aktar minn dan kollu, kien hemm **titjib sostnut** fil-livell ta' żball stmat għall-pagamenti li saru mill-baġit tal-UE. Madwar nofs l-infiq tal-UE li awditajna fl-2016 kien taħt is-soll ta' 2 % għall-livell materjali ta' żball.

B'riżultat ta' dan, aħna ħriġna **opinjoni kwalifikata** dwar il-pagamenti għall-2016, u mhux waħda avversa. Din hija l-**ewwel** opinjoni kwalifikata li ħriġna minn meta bdejna nipprovdu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali fl-1994, u tirrifletti **titjib importanti** fl-infiq tal-UE.

Biex nidħol fi ftit aktar dettall: il-livell kumplessiv ta' żball għall-infiq tal-UE fl-2016 kien stmat għal 3.1 %, meta mqabbel ma' 3.8 % fl-2015 u 4.4 % fl-2014.

"Pagamenti bbażati fuq drittijiet", li jsiru meta ċerti kundizzjonijiet speċifiċi jkunu ġew issodisfati, jirrappreżentaw madwar 49 % tal-infiq tal-UE u kellhom livelli ta' żball taħt it-2 %. Huma jinkludu għajruna diretta għall-bdiewa, għotjiet lill-istudenti u lir-riċerkaturi, u spejjeż għall-persunal. L-intestatura "Riżorsi Naturali: Appoġġ tas-suq u għajruna diretta" kellha livell ta' żball stmat ta' 1.7 % filwaqt li dan kien ta' 0.2 % għall-intestatura "Amministrazzjoni".

Madankollu, instabu livelli ogħla ta' żball fil-"Pagamenti bbażati fuq ir-rimborż", li jsiru permezz ta' rifużjonijiet. Għall-intestatura "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali", il-livell ta' żball stmat kien ta' 4.8 %; filwaqt li għall-intestatura "Riżorsi Naturali: Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd", dan kien ta' 4.9 %.

L-azzjoni li ttieħdet mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni tassew naqqset il-livell kumplessiv ta' żball stmat, iżda aħna sibna li kien hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli biex ħafna żbalji jiġu prevenuti, jew biex jinqabdu u jiġu kkoreġuti **ulterjorment**. Fil-fehma tagħna, dan ifisser li ma hemmx ħtieġa li jsiru kontrolli addizzjonali, iżda li l-kontrolli eżistenti jridu jiġu infurzati sew.

U tabilħaqq għandi twissija waħda: il-pagamenti totali li l-UE hija impenjata li tagħmel minn baġits futuri kienu ogħla minn qatt qabel fl-2016, u laħqu l-EUR 238.8 biljun. Jenħtieġ li l-**eliminazzjoni ta' dawn l-arretrati** u l-prevenzjoni ta' oħrajn ġodda jkunu fost il-prijoritajiet, b'kont meħud tal-ippjanar tal-infiq tal-UE fil-perjodu li jibda fl-2020.

Fil-bidu nett jien semmejt li kollha kemm aħna għandna rwol importanti x'naqdu fl-iżgurar tal-fiduċja taċ-ċittadini tagħna fl-istituzzjonijiet Ewropej u dawk nazzjonali. F'dan il-kuntest, huwa importanti għaċ-ċittadini li jkunu jafu li l-fondi pubbliċi qed jintnefqu skont il-liġi.

Iċ-ċittadini tagħna jistgħu biss jafdaw fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE, jekk huma u r-rappreżentanti eletti tagħhom ikollhom aċċertament li qed ikun hemm konformità mar-regoli applikabbli. Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi kkontribwiet għal titjib sinifikanti f'konformità mar-regoli tal-UE.

Iżda daqstant ieħor, jew forsi aktar minn hekk, in-nies jixtiequ jkunu jafu **x'ħadu għal flushom**. Kien jagħmel sens li tinbena triq jew ajruport partikolari f'post partikolari? Tasew twasslu impjegji u tkabbir? Il-flus intnefqu bil-għaqal? Biex inwieġbu għal dawn il-mistoqsijiet, qed niffukaw dejjem aktar fuq il-**prestazzjoni**. Irridu ngħinu biex niżguraw li l-kontribwenti jieħdu l-valur għal flushom.

Dan jirrikjedi bidla korrispondenti fil-fokus tax-xogħol tal-awditjar tagħna. Jeħtieġ li nkunu f'pożizzjoni li nipubblikaw ix-xogħol tal-awditjar it-tajjeb fiż-żmien it-tajjeb, sabiex nagħmlu l-aħjar użu mis-"setgħa ta' persważjoni" mogħtija lilna. Ix-xogħol tal-awditjar u x-xogħol ta' tfassil ta' politika jmorru id f'id. Għalhekk, biex inkomplu nwettqu l-missjoni tagħna u nirrispondu għall-preokkupazzjonijiet attwali taċ-ċittadini tagħna, minn issa 'l quddiem se nkunu qed nagħmlu **bidliet importanti** fil-mod kif aħna nawditjaw il-baġit tal-UE.

F'haġna oqsma tal-baġit tal-UE, is-sistemi ta' kontroll immirati lejn il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji ttejbu sinifikattivament f'dawn l-aħħar snin. Dan jipprovvidna l-opportunità li nagħtu haġsa mill-ġdid lejn id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, u nistennaw li nkunu nistgħu **noqogħdu aktar fuqhom** għal dak li jirrigwarda r-regolarità tal-infiq fil-futur. B'dan l-approċċ, ikun aktar evidenti fejn fadal in-nuqqasijiet. Huwa se jgħinna wkoll nipromwovu l-obbligu ta' rendikont u nkomplu ntejbu l-ġestjoni tal-finanzi tal-UE.

Fl-istess ħin, aħna se nindirizzaw kwistjonijiet reali relatati mal-prestazzjoni bħall-ksib tar-riżultati intenzjonati, l-impatt tagħhom u l-mod kif l-attivitajiet tal-UE jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum tan-nies. Se neżaminaw jekk l-azzjoni fil-livell tal-UE kinitx l-aħjar mod biex nilħqu dak li xtaqna. U se nirrappurtaw dwar dan kollu b'mod ibbilanċjat, billi nirrikonoxxu l-**kisbiet** u nieħdu inkunsiderazzjoni l-**limitazzjonijiet**.

Fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri, aħna mhux biss irridu ntejbu l-mod kif taħdem l-UE. Irridu ngħinu liċ-ċittadini tagħna jifhmu aħjar kif taħdem l-UE.

Matul din l-aħħar sena, aħna diġà ħadna passi importanti f'din id-direzzjoni. Ipprovdejna għadd kbir ta' **rapporti tal-awditjar** dwar kwistjonijiet topiċi li jkopru varjetà ta' suġġetti bħall-impjeg taż-żgħażaġħ il-kriżi tar-refuġjati u l-approċċ hotspot, kif ukoll l-enerġija u t-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, aħna ħrignu **dokumenti informattivi**, pereżempju dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Ippubblikajna **opinjonijiet** dwar proposti leġislattivi li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tal-UE u għamilna osservazzjonijiet dwar temi aktar ġenerali bbażati fuq ir-riċerka u l-esperjenza tagħna.

Fid-deċennji li ġejjin, aħna se nkomplu nagħxu bħala l-gwardjani tal-finanzi u tal-UE u tal-interessi taċ-ċittadini tagħna. Se nkomplu nkunu **vuċi indipendenti**, billi niġbdu l-attenzjoni għal affarijiet li jaħdmu sew u billi nikxfu fatti skomdi fejn l-affarijiet ma jaħdmux sew. U f'dinja ta' informazzjoni żbaljata mifruxa u ta' manipolazzjoni tad-*data*, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri se tkompli tipprovdi informazzjoni affidabbli mhux pre-ġudikata.

Sinjuri, f'din id-dinja inċerta u dejjem aktar introspettiva, ejja mmexxu 'l quddiem **aġenda pożittiva** għall-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin.

Ejjew flimkien, f'kull pass taċ-ċiklu leġislativ u baġitarju, niżguraw li **l-UE tista' tikseb riżultati** b'mod effiċjenti dwar **affarijiet li jinteressaw** liċ-ċittadini.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom, u nistenna b'interess l-iskambju ta' fehmiet tagħna.